**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NRU. 2455**

Kaz Nru: 3315/ ET

Fil-kwistjoni tax-xoghol bejn

John Caruana

u

Agrinet Ltd.

Illum : 12 ta' Jannar, 2017

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta.*

Chairman : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip. Mgt

**Introduzzjoni u dikjarazzjonijiet tal-kaz**

Dan il-kaz gie ntavolat permezz ta' rikors mill-Avukat Abigail Critien f'isem ir-rikorrent fl-10 ta' Novembru, 2014.

Fir-rikors u d-dikjarazzjoni tal-kaz ir-rikorrent qal li beda jahdem mas-socjeta' intimata bhala *Labourer* fit-22 ta' Awwissu, 2005 sakemm gie terminat fuq bazi ta' *redundancy* fid-19 ta' Settembru, 2014 u dan minghajr ma gie applikat il-principju skond il-ligi tal-*first-in last-out.*

Ghaldaqstant it-tkeccija, sostna r-rikorrent, kienet wahda ingusta u invalida fil-ligi u allura talab ix-xoghol lura u li jithallas kumpens gust.

Fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha s-socjeta' intimata qalet li tichad kull allegazzjoni ntavolata mir-rikorrent dwar tkeccija ingusta u li kienet ilha taffaccja problemi serji ta' likwidita' u ta' dejn sostanzjali anke mal-awtoritajiet fiskali.

Illi anke f'din is-sitwazzjoni, is-Sur Carlo Pagliero bhala Direttur zamm il-kumpanija ghaddejja u minflok issalvagwardja l-interessi tieghu personali ghazel li jkompli bin-negozju sabiex minflok jissalvagwardja l-impjieg u l-ghajxien tal-haddiema tieghu. Huwa sahansitra beda jhallas lill-haddiema minn butu.

Kien biss meta originaw kawzi kriminali kontra tieghu minhabba li minn butu ma setax ihallas il-kontribuzzjonijiet tal-haddiema illi ma kienx hemm ghazla ohra hlief li jittermina l-kulhadd wara li hallas is-salarji, bolol u *bonuses*.

Illi meta waslet sabiex tittermina l-impjieg, is-socjeta' intimata baghtet *notice* lill-haddiema kollha fl-istess hin. U illi huwa konsegwenti tal-*last-in first-out principle*, kompliet tiddikjara s-socjeta' intimata, li r-rikorrent kellu jitlaq l-ewwel mill-impjieg u dan minhabba l-fatt li n-*notice period* hija proporzjonali mal-ammont ta' zmien li persuna tkun ilha impjegata u b'hekk il-perjodu ta' hidma tar-rikorrent fin-*notice period* kien iqsar minn dak ta' haddiema ohra.

Is-socjeta' intimata ttemm id-dikjarazzjoni taghha billi tghid li kienet sorpriza u ingurjata li wara tant sagrificcji personali mis-sid qieghda taffaccja dan it-tribunal ta' tkeccija ingusta.

**<u>Fatti</u>**

Il-fatti principali ta' dan il-kaz huma d-dati ta' impjieg u ta' terminazzjoni ghal kawza ta' *redundancy* tar-rikorrent u tas-Sur Carmel Magri.

It-tnejn dahlu jahdmu mas-socjeta' intimata bhala *Labourer*. Ir-rikorrent beda jahdem fit-22 ta' Awwissu 2005 u gie *redundant* fid-19 ta' Settembru 2014 filwaqt li Magri gie impjegat fis-6 ta' Marzu 2006 u gie *redundant* fit-3 ta' Dicembru 2014.

Dawn huma l-fatti relevanti biex it-tribunal jaghmel il-kunsiderazzjoniet u jasal ghal decizjoni.

**<u>Provi</u>**

F'dawn il-proceduri xehdu r-rikorrent, is-Sur Carlo Pagliero – sid is-socjeta' intimata, u s-Sur Joseph Caruana, Carmel Magri u Joseph Debono – ex-haddiema mas-socjeta' intimata, Jason Caruana – Segretarju GWU, Joe Borg – Dipartiment Relazzjonijiet Industrijali u Joseph Saliba – rapprezentant tal-ETC. Gew ukoll esebiti dokumenti relatati mal-pagi tar-rikorrent u rekords tal-ETC dwar il-haddiema tas-socjeta' intimata.

**<u>Konsiderazzjonijiet u decizjoni</u>**

Dan it-tribunal ghandu biex jikkunsidra zewg punti principali. Il-principji tal-*first-in last-out* kif gie applikat mis-socjeta' intimata u kif l-istess socjeta' intimata ttrattat l-ezercizzju shih tar-*redundancy*.

Rigward il-principju tal-*first-in last-out* ir-rikorrent, skont records ufficjali tal-ETC (Jobsplus), beda l-impjieg tieghu qabel l-ex-haddiem in kwistjoni Carmel Magri u t-tnejn kellhom l-istess grad ta' *labourer*. Ir-rikorrent beda l-impjieg fit-22 ta' Awwissu 2005 u gie *redundant* fid-19 ta' Settembru 2014 filwaqt li Magri beda l-impjieg fl-4 ta' Marzu 2006 u gie *redundant* fit-3 ta' Dicembru 2014. Ghaldaqstant is-socjeta' intimata kienet skorretta li r-rikorrent gie tterminat ftit qabel Magri.

It-tribunal ma setax ma jinnotax kif is-socjeta' intimata trattat lill-haddiema meta kienet waslet f'xifer ta' falliment b'kontinwazzjoni ta' zamma tal-impjieg u hlasijiet sabiex tipprova ggib xi ordnijiet halli ma taghlaqx. Jirrizulta wkoll li r-rikorrent rega' kien f'impjieg iehor fis-16 ta' Ottubru 2014.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz, ix-xhieda mismugha, id-dokumenti esebiti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, it-Tribunal qed jaghti ragun lir-rikorrent li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu ghar-raguni ta' *redundancy* saret ftit qabel skont il-principju tal-*first-in last-out*.

Ghal dan il-ghan, mehuda c-cirkustanzi kollha tal-kaz dan it-Tribunal qed jaghti kumpens ta' erba' mitt ewro (€400) lir-rikorrent liema kumpens irid jithallas mis-socjeta' intimata fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet tal-Avviz legali 48 tal-1986 qed jigi stabbilit li d-drittijiet ta' min assista l-partijiet huma ta' tlieta u disghin ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Iffirmat : Is-Sur Edmund Tabone M.A., B.A. (Hons), Dip.Mgt
CHAIRMAN

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja